MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 521/1990

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Raymond Bonnici**
**Ronald Urry**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Raymond Bonnici ta’ 31 sena, iben Francis u Mary nee` Ciafa/Gatt, imwieled u joqghod 153, Matthew Callus Street, Marsa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 509959(M) u Ronald Urry ta’ 26 sena, bin missier mhux maghruf u Evelyn imwielda Urry, imwieled u joqghod 97, Palm Street, Paola u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 135364(M);
Akkuzati talli:
Wara li gew ikkundannati f’Malta ghal serq jew ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom matul dawn l-

ahhar xhur, hwejjeg misruqa minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif dawn gew legittimament ghandhom. Dawn il-hwejjeg kienu cekk ta' Lm93.35, Bank of Valletta, il-paga ta' Dalli Antonia.
Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Frar 1991[1], fejn iddecieda illi ma jqieghedx lill-imputati taht att ta' akkuza, billi jonqsu cirkostanzi li jaghmlu htija ta' kompetenza ta' Qorti Kriminali, izda dehrlu illi tista' tinstab htija (jew htijiet) ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 286 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 1991, wara li nqraw l-Artikoli u fuq domanda tal-Qorti, l-imputati wiegbu illi m'ghandhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2013, quddiem din il-Qorti, kif presjeduta, il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.

**Ikkunsidrat**:
1. Illi ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kap. 9, il-preskrizzjoni hija applikata mill-qorti *ex officio* u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

2. Illi l-imputati jinsabu akkuzati talli wara li gew ikkundannati f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, kellhom fil-pussess taghhom matul dawn l-ahhar xhur, hwejjeg misruqa minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif dawn gew legittimament ghandhom. Dawn il-hwejjeg kienu cekk ta' Lm93.35, Bank of Valletta, il-paga ta' Antonia Dalli. Huma kienu gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Dicembru 1990.

3. Illi ai termini tal-Artikolu 286 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena applikabbli ghar-reat in kwistjoni hija l-piena stabbilita ghas-serq semplici skond il-valur tal-haga misruqa. Dan ifisser, ai termini tal-Artikolu 285 tal-Kap. 9,

[1] A fol. 62 tal-process.

illi l-piena applikabbli ghal dan il-kaz hija dik ta’ prigunerija ghal zmien minn xahar sa sitt xhur.

4. Ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-azzjoni kriminali taqa’ bi preskrizzjoni:
“*(e) bl-gheluq ta’ sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-piena tal-kontravvenzjonijiet*”.

5. Issa f’dan il-kaz, l-imputati tressqu taht arrest quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-14 ta’ Dicembru 1990. Wara numru ta’ seduti fejn jew dehru z-zewg imputati, jew wiehed minnhom, fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 1992 u dik sussegwenti tal-24 ta’ Gunju 1992, ma giex indikat fil-verbal jekk l-imputati dehrux ghas-seduta jew jekk kinux gew notifikati sabiex jidhru. Fis-seduta tal-20 ta’ Lulju 1992, deher biss l-imputat Urry, fil-waqt illi l-imputat Bonnici ma deherx. Ma giet ipprezentata l-ebda riferta mill-prosekuzzjoni li tindika jekk l-imputat Bonnici kienx gie notifikat ghal din is-seduta. Il-verbali tas-seduti sussegwenti u cioe` dawk tat-23 ta’ Settembru 1992, tal-14 ta’ Ottubru 1992, tad-9 ta’ Novembru 1992, tal-4 ta’ Dicembru 1992, tat-22 ta’ Jannar 1993 u tas-26 ta’ Frar 1993, ma jindikawx jekk l-imputati dehrux meta giet imsejjha l-kawza u lanqas ma jinsabu fl-atti, r-riferti relattivi tan-notifika tal-imputati. Fis-seduta tat-2 ta’ April 1993, ma deher hadd, fil-waqt illi fil-verbali tas-seduti sussegwenti u cioe` dawk mill-10 ta’ Mejju 1993 sat-18 ta’ Marzu 1994, ma giex indikat jekk l-imputati kienux prezenti meta giet imsejjha l-kawza u lanqas ma jinsabu fl-atti r-riferti relattivi. Fis-seduta tat-22 ta’ April 1994, ma deher hadd. Fis-seduti mizmuma mill-1 ta’ Gunju 1994 sal-31 ta’ Ottubru 1997, ma giex indikat fil-verbali relattivi jekk l-imputati dehrux meta ssejjhet il-kawza u lanqas ma giet ipprezentata r-riferta tan-notifika tal-imputati. Fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 1998, imbaghad, deher l-imputat Urry, fil-waqt illi ma giex indikat jekk l-imputat Bonnici kienx prezenti u lanqas ma giet prezentata r-riferta relattiva. Fis-seduta tat-23 ta’ Marzu 1998, dehru z-zewg imputati. Sussegwentement, gew mizmuma serje shiha ta’ seduti ohrajn, izda ghal fini ta’ din is-sentenza,

mhuwiex necessarju illi l-Qorti tkompli tindika liema kienu dawn is-seduti u l-kontenut tal-verbali relattivi.

6. Illi kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Novembru 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti et**, ghalkemm fuq punt differenti, izda waqt li dik il-Qorti, kienet qeghda tittratta dwar il-kontenut ta' verbal:

"*Ir-regola hi li dak li sehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza … gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet … din il-Qorti necessarjament trid toqghod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.*"

7. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-verbal ghandu jirrispekkja dak li jkun qieghed isehh matul il-kawza u la darba f'dawk il-verbali li ma jindikaw xejn hlief li l-kawza kienet qeghda tigi differita, ma jirrizultax illi l-imputati fil-fatt kienu qeghdin jidhru, din il-Qorti ma tistax tassumi illi l-imputati kienu qeghdin jidhru ghall-kawza jew izjed u izjed li kienu notifikati biex jaghmlu dan.

8. Dan ir-ragunament tal-Qorti isib ukoll konfort fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Settembru 2012 (App. Kriminali Nru. 451/2010). F'dak il-kaz, l-Avukat Generali ssottometta illi f'numru ta' seduti, ghalkemm ma kien hemm xejn fil-verbali li jindika li l-imputat kien prezenti, madankollu lanqas kien hemm indikat li kien assenti. In oltre kien deher l-Avukat tal-appellat u ghalhekk, skond l-Avukat Generali f'dak il-kaz, l-appellat zgur li kien mgharraf bl-istess udjenzi, ghaliex altrimenti ma kienx jinkariga lill-Avukat imqabbad minnu sabiex jidher f'ismu u l-istess Avukat ma kienx jiehu l-briga li jidher ghall-klijent tieghu. Skond l-appellant, l-appellat issottometta lilu nniffsu, tramite l-Avukat ta' fiducja tieghu, ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti u d-digrieti u d-decizjonijiet taghha. F'dan ir-rigward il-Qorti qalet hekk:-

"*Bir-rispett kollu il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Jibda biex jinghad, illi l-obbligu tal-prosekuzzjoni huwa li jinnotifika lill-akkuzat ghal kull differiment illi jkun hemm quddiem il-Qorti Kriminali sakemm ma jirrizultax fil-verbal precedenti li l-Qorti tkun innotifikatu hi stess bis-seduta li jkun imiss. Fl-ebda wahda mid-differimenti li saru f'din il-kawza ma rrizulta dan it-tip ta' notifika. Meta akkuzat ma jidhirx il-Qorti, il-Prosekuzzjoni hija obligata illi tesebixxi r-riferta halli l-Qorti tkun taf x'mizuri ghandha tiehu, d-dehra ta' l-avukat li jitlob diferiment mhijiex notifika skont il-Ligi u lanqas ma tfisser illi l-klijent ikun inkariga lill-avukat biex jidhirlu …*

*Ghalhekk id-dehra ta' l-avukat waqt seduta ma jfissirx illi l-akkuzat ikun gie notifikat ghal dik is-seduta, l-ahjar prova hija dejjem ir-riferta. Izda l-Qorti ma tistax tassumi xejn u ma tistax tiddeduci n-notifika ta' l-akkuzat sempliciment bil-presenza ta' l-avukat waqt is-seduta … Fil-waqt illi jista' jkun illi l-akkuzat kien qed ikun notifikat ma hemm l-ebda prova ta' dan u minkejja illi kien qed jidher l-avukat u qed jitlob id-differiment biex tikkawtela l-posizzjoni taghha l-Proskeuzzjoni ghandha dejjem tesebixxi r-riferta xorta wahda.*

*…F'Awla kriminali ma tista' tiddeduci xejn hlief illi ma hemmx prova illi l-appellat kien qed ikun notifikat ghal dawn id-differiment kollha, l-presenza ta' l-avukat tieghu mhijiex bizzejjed u ma tistax tassumi illi kien inkariga lill-avukat biex jidher ghan-nom tieghu …*".

9. Illi f'dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-imputat Bonnici kien qieghed jidher ghas-seduti mizmuma mill-1 ta' Gunju 1992 sal-20 ta' Jannar 1998, fil-waqt illi ma jirrizultax illi l-imputat Urry kien qieghed jidher ghas-seduti mizmuma mit-23 ta' Settembru 1992 sal-31 ta' Ottubru 1997 u wisq anqas jirrizulta illi l-imputati kienu qeghdin jigu notifikati mill-prosekuzzjoni sabiex jidhru ghal dawn is-seduti.

10. Illi ghalhekk la darba jidher illi l-imputat Bonnici la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tal-1 ta' Gunju 1992 sas-seduta tal-20 ta' Jannar 1998, u l-imputat Urry la deher u lanqas gie notifikat mis-seduta tat-23 ta' Settembru 1992 sas-seduta tal-31 ta' Ottubru 1997, ghaddew izjed minn sentejn bejn notifika u ohra.

11. Veru illi waqt il-pendenzi ta' dawn il-proceduri, dahlu fis-sehh emendi fil-Kodici Kriminali rigwardanti l-ligi tal-preskrizzjoni. Dawn l-emendi fil-fatt dahlu fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002, bis-sahha tal-Att Nru. III tas-sena 2002. Bis-sahha tal-imsemmi Att, gie mizjud sub-artikolu gdid ghall-Artikolu 687 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond dan is-sub-artikolu:-

"*Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuza*."

12. Illi madankollu l-azzjoni diga` kienet preskritta qabel ma dahlu fis-sehh dawn l-emendi. Kif inghad a propositu, f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmen Said** et, kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano:
"*Din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol fil-kwistjoni ta' jekk din id-disposizzjoni l-gdida – cioe` s-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 687 – ghandux japplika jew le ghall-kawzi kollha li kienu pendenti fl-1 ta' Mejju 2002 – dak li hu cert hu li jekk qabel l-1 ta' Mejju 2002, l-azzjoni waqghet bi preskrizzjoni skond ir-regoli allura fis-sehh, din id-disposizzjoni l-gdida ma setax ikollha l-effett li tirravviva l-azzjoni (ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Lewis Cordina****)*".[2]

[2] Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bondin**, deciza fil-25 ta' Ottubru 1984, irriteniet illi "*Dan mhux kaz fejn l-azzjoni kienet ga preskritta anke in parti meta tbiddlet il-ligi u ghalhekk l-argument ta' l-imputat hu bla*

13. Illi ghalhekk jirrizulta car mill-premess illi l-azzjoni fil-konfront tal-imputati hija preskritta.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda tiddikjara l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati bhala preskritta u qeghda tilliberahom minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

*valur*". F'dak il-kaz, il-Qorti wkoll ghalhekk ikkonkludiet illi la darba azzjoni tkun preskritta, l-emendi li jigu wara jkunu bla effett.